MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 762/2002

**Leslie Carbonaro**

**vs**

**Lydia Carbonaro**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-18 ta' Marzu 1995, fic-City Hall, Mississauga, il-Kanda, skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u markat Doc "A".

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifel wiehed li jismu Preston li twieled f'April 1996.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax l-kunsens tal-konvenuta kien vvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien suggett ghall-kondizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1) Tiddeciedi li z-zwieg civili celebrat bejn il-partijiet fit-18 ta' Marzu 1995 ma jiswiex u huwa null ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet migjuba fuq, skond l-**artikolu 19 (1) (d), (f) u (g) ta' l-Att dwar iz-Zwieg – Kap 255;**

Bl-ispejjez kontra konvenuta ngunta ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 6 u fol. 7 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 14 ta' Ottubru 2002 a fol 14 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi jezistu ragunijiet sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-konjugi Carbonaro jigi ddikjarat null u bla effett, izda dan unikament minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;**

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta’ Novembru 2002, 12 ta’ Novembru 2003, 14 ta’ Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota tal-attur fejn ipprezenta l-affidavit tieghu, ta’ Maryanne Carbonaro, John Carbonaro, Monica Borg, Frank Borg u affidavit tal-konjougi Joseph u Annie Farrugia minn fol. 18 sa fol. 46 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 4 ta’ Dicembru 2002 fejn hija esebiet l-affidavit taghha, ta’ Nathalie Ellul, Charles Schembri u Reuben Attard minn fol. 47 sa 58 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 18 ta’ Dicembru 2002 u d-Digriet datat 19 ta’ Dicembru 2002.

Rat ir-rikors tal-attur datat 22ta’ April 2003 u d-digriet datat 28 ta’ April 2003.

Rat ir-rikors tal-attur datat 24 ta’ April 2003 u d-digriet datat 25 ta’ April 2003.

Rat il-verbal tas-seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datati 26 ta’ Marzu 2003, 3 ta’ Gunju 2003, 25 ta’ Settembru 2003, l-1 ta’ Ottubru 2003, 22 ta’ Ottubru 2003, 2 ta’ Dicembru 2003 fejn ma’ sar xejn; tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn xehed Reuben Attard, tat-12 ta’ Gunju 2003 u tad-9 ta’ Lulju 2003 fejn xehdet Lydia Carbonaro u Antoine Vassallo; ta’ 4 ta’ Novembru 2003 fejn xehdet Nathalie Ellul u Charles Schembri; tat-3 ta’ Dicembru 2003 fejn xehed Leslie Carbonaro.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-attur datata 16 ta’ Marzu 2004 u tal-konvenuta datata 13 ta’ Mejju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-azzjoni attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from ‘amentia’, not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …”.*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **‘L’Immaturite’ et le Consentement Matrimonial”** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*“The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple’s equilibrium, the relation of behavioural disorders to the ‘ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life.”*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar, 2000); **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002); **“Ali Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002; **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002; **“Romina Zammit vs Paul Zammit”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddota ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. **(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) u cioe`:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life';*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu*", jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe',*

*issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u

mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi **l-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kondizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

## (B) <u>APPREZZAMENT TA' PROVI</u>

Illi mill-provi estensivament prodotti f'din il-kawza jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Marzu 1995 meta kienu jafu lill xulxin ghal sitt (6) xhur biss u l-attur kellu tlettin (30) sena u l-konvenuta kellha sebgha u ghoxrin (27) sena u fi zmien sentejn kienu gja sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa' datat 28 ta' Mejju 1998. Fil-fatt iltqaghu fit-2 ta' Awissu 1994 meta l-attur, li jghix il-Kanada kien hawn Malta ghal vaganza, telaq u gie wara tlett xhur f'Dicembru 1994, u fi zmien xahar l-konvenuta telghet mieghu l-Kanada, ikkoabittaw ghal xahrejn u zzewgu. Wara tlett xhur l-konvenuta harget tqila u twieled Preston f'April 1996. Il-konvenuta giet Malta f'Gunju tas-sena 1997 peress li kellha bzonn taghmel intervent kirurgiku ta' *hyseterectomy,* li skond l-attur insistiet li taghmel Malta; huwa baqa' l-Kanada minhabba x-xoghol tieghu; l-attur gie Malta f'Ottubru 1997 sabiex jiehu lura lil martu u lil ibnu l-Kanada; regghu siefru izda l-konvenuta giet lura Malta wara xahar ghaliex skond l-attur hija ma setghetx tidra l-Kanada. L-attur jghid li gie biex joqghod Malta fl-1 ta' Marzu 1998 izda jghid li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' certu Reuben, u fil-fatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat 28 ta' April 1998. Jumejn wara reggha mar il-Kanada izda gie kemm-il darba sabiex jara lil ibnu waqt li martu kienet qed tghix

ma' dan Reuben u hawn l-attur jirrakonta id-diffikultajiet li kellu sabiex jara lil ibnu.

Illi l-attrici tikkonferma l-mod kif l-istess partijiet iltaqghu izda tghid li l-attur kien jinsisti li l-hajja tieghu kienet gol Kanada. Tghid li ghaliha kienet decizjoni difficli li thalli lill-familja taghha izda peress kienet thobb lill-attur qalet li accettat li tmur il-Kanada u hekk ghamlet f'Jannar 1995. Hija kellha visa ta' disghin (90) jum u l-alternattiva li kellhom sabiex hija tkun tista' toqghod hemm ghal iktar zmien kienet biss li jizzewgu u fil-fatt sar iz-zwieg fit-18 ta' Marzu 1995. Wara harget tqila u tghid li dan kien zball ghaliex ma' kellhomx intenzjoni li f'dak il-mument ikollhom tfal, u l-attur riedha tabbortixxi, izda hija ma riditx. Skond hija nizzlet Malta taghmel l-operazzjoni ghaliex hekk ried l-attur, ghaliex minhabba x-xoghol tieghu sostna maghha li ma' setghax jiehu hsieb tat-tifel. Giet f'Malta fil-15 ta' Mejju 1997, baqghet hawn hames (5) xhur bl-attur jikkorispondi maghha biss b'ittri u telephone. Tghid li kitbilha ittri fejn qal li kien qed ihossu tajjeb wahdu f'dar nadifa u wahda minn dawn l-ittri giet esebita bhala Dok. "GA 1" "GA 2" u "GA 3" a fol. 114, 115, 116 tal-process fejn l-attur jissugerixxi li l-istess konvenuta u ibnu ghandhom jibqghu jghixu Malta, u huwa jibqa' jghix gol-Kanada. L-attur gie Malta f'Ottubru 1997 u minkejja dan kollu, l-konvenuta marret lura l-Kanada sabiex jippruvaw issalvaw iz-zwieg. Izda, skond hija, l-attur kien gja ddecieda li ma' kellhomx futur flimkien, u fil-fatt il-konvenuta giet lura Malta f'Dicembru 1997. L-attur gie Malta f'Marzu 1998, dam sa' Mejju 1998 u sseparaw fit-28 ta' Mejju 1998 u fis-sena 1999 l-attur gie lura Malta ghal kollox. Bdiet tghix ma' Reuben Attard biss wara li sseparat.

Illi din il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti inkluz tax-xhieda kollha prodotti miz-zewg partijiet jirrizultalha li l-partjiet f'dak il-mument tal-hajja taghhom izzewgu biss sabiex l-istess konvenuta tkun tista' tkompli tghix il-Kanada, ghal iktar minn disghin (90) gurnata li seghet toqghod fihom f'dak il-pajjiz, u dan ghaliex jirrizulta car li l-attur kien f'dak iz-zmien lest li jghix mal-konvenuta biss il-Kanada. Jidher car li l-konvenuta ma' kellhiex din il-preferenza, izda ppruvat tghix il-Kanada ghaliex

certament kienet iktar minn migbuda lejn l-attur, ghalkemm certament kienu qatghu ftit wisq zmien flimkien u kollox sar ta' malajr, minhabba li tnejn kienu jghixu f'pajjizi differenti, u kienu dawn l-esigenzi li ddettaw id-decizjonijiet importanti bejn il-partijiet – fejn jidher car li l-problema ta' fejn ser jghixu flimkien qatt ma' giet ittekiljata sew minnhom – kollox baqa' fuq l-insistenza tal-attur li huwa kellu hajtu l-Kanada u hemm ried jghix u allura l-konvenuta marret warajh. Fil-fatt ma zzewgux Malta, u lanqas telghu l-ewwel darba l-Kanada sabiex hija tizzewgu; id-decizjoni taz-zwieg jidher li ttiehdet *"on the spur of the moment"*, bla ebda preparamenti ta' xejn, proprju ghaliex il-konvenuta kienet marbuta b'terminu ta' disghin (90) gurnata, altrimenti kellha tigi lura Malta wahedha. Fil-fatt is-soluzzjoni tal-attur ghal din il-problema kienet li jizzewgu u fil-fatt hekk sar, izda mhux bir-rit kattoliku, u dan kollu juri li z-zwieg ta' bejn il-partijiet ma giex segiet minn kull parti bhala *"an end in itself",* izda biss bhala soluzzjoni ghall-problema li kellhom il-partijiet dwar il-permanenza taghhom fl-istess pajjiz u xejn izjed.

Illi mbaghad gara li wara dan iz-zwieg l-konvenuta harget tqila, tqala li giet deskritta li saret bi zball fis-sens li xejn ma' kien ippjanat minnhom; l-attur fil-fatt jghid li l-konvenuta ghamlet dan peress li kellha kundizzjoni li htiegilha maz-zmien taghmel operazzjoni li wara li ssir ma' kienx setgha ikollha iktar tfal, u allura wzatu ghal dan l-iskop. Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li huma kienu jikkontrollaw l-intimita' taghhom sabiex ma' jkollhomx tfal, izda f'din l-okkazzjoni jidher li ma' qaghdux attenti bizzejjed. Din il-Qorti thoss li apparti l-fatt li fl-opinjoni taghha l-allegazzjoni tal-attur dwar il-konvenuta ma gietx ippruvata, jirrizultalha wkoll li lanqas f'dan il-partijiet ma' kellhom kunsens uniku, anzi jidher li in verita' ma kien hemm pjanijiet ta' xejn bejn l-istess konjugi ghall-hajja mizzewwga, u dan kien naxxenti mill-fatt li zewgu bil-mod li zzewgu biss ghaliex kien konvjenti ghalihom f'dak iz-zmien li jaghmlu hekk sabiex l-konvenuta tkun tista' toqghod mal-attur. Riedu issalvaw biss ir-relazzjoni taghhom li jghixu flimkien, u l-kuncett taz-zwieg kien biss mezz sabiex jilhqu dak li dak iz-zmien hassew li kien l-ghan taghhom u xejn izjed.

Illi din il-Qorti ma' hijiex qed tghid li l-partijiet ma' kienux jridu joqghdu ma' xulxin; izda l-kuncett taz-zwieg huwa hafna iktar profont u nobbli minhekk – huwa kuncett ta' hajja, ghazla li parti taghti ruhha u hajjitha ghas-servizz tal-parti l-ohra – l-gid komuni tal-familja jirbah fuq kollox, u mhux hekk biss izda kull parti tfittex l-istess interess komunali u mhux l-interess individwali. Iz-zwieg mhux sempliciment licenzja sabiex mara tghix ma' ragel izda hafna iktar minn hekk tant li huwa ghazla w impenn ta' hajja ta' mhabba u sagrificju, fejn l-individwalita' ta' dak li jkun tigi maghuna fl-interess tal-*consortium vitae* u l-gid tal-familja, u huwa *"an end in itself".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan kollu kien mankanti fiz-zewg partijiet li l-priorita' taghhom meta fittxew dan iz-zwieg kien biss li juzawh bhala soluzzjoni ghall-problema ta' permanenza tal-mara fil-Kanada u xejn izjed. Dan huwa car nuqqas ta' diskrizzjoni ta' gudizzju miz-zewg partijiet li kuri traskuragini kbira u wkoll abbuz ta' din l-istituzzjoni li hija l-bazi tas-socjeta' civili taghna; mill-bqija l-problemi kollha li l-kopja ghaddiet minnhom kien minhabba li hadd minnhom ma' fehem dan l-element ta' *consortium vitae* u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghandha tghid li l-versjoni tal-attur kemm dwar dak allegat minnu dwar il-kondizzjoni medika tal-konvenuta u allura l-ikop ulterjuri tal-kovenuta kif espress mill-attur, u kif ukoll dwar l-allegazzjonijiet tieghu li l-konvenuta kienet fittxet li tigi u tibqa' hawn Malta, u bhal speci abbandunatu l-Kanada, mhux ma' gewx ippruvati, izda adirittura huma kontradetti mill-konvenuta, li ix-xhieda taghha dwar l-istess punti almenu hija hafna iktar konvincenti. Iktar u iktar fid-dawl ta' dak li l-istess attur kien stqarr huwa stess fl-ittri li f'dak iz-zmien kien jibghat lill-attiri, (ezempji Dok. "GA 1"; Dok. "GA 2" u Dok. "GA 3") fejn jidher car li huwa konsistentement f'dak iz-zmien kien favur li l-konvenuta u binha jibqghu jghixu hawn Malta, u dan ghaliex huwa hassu tajjeb jghix wahdu u fl-indafa tad-dar tieghu l-Kanada.

Illi f'dak iz-zmien jidher li kien sew marbut mal-Kanada, u din ma' hijiex sorpriza ghaliex jidher car li ghall-ewwel li

ltaqghu l-partijiet sabiex jghixu flimkien kellhom biss ghazla wahda, u cjoe’ li jghixu fil-Kanada u dan ghaliex l-attur ghamilha cara li ma’ kienx lest li jaccetta alternattiva ohra. Kien ghalhekk li l-konvenuta ppruvat tghix il-Kanada, u jirrizulta li giet lura Malta, mhux kif qal l-attur ghaliex hija hekk riedet, izda ghaliex huwa hekk issugerixxa li jsir, anke peress li tenna li kien impossibbli ghalih li jkompli x-xoghol u jiehu hsieb lit-tifel tieghu, waqt li martu tkun ghada gejja f’taghha wara intervent kirurgiku magguri. Il-fatt li wara li kien sfaxxa kollox bejn il-partijiet l-attur gie joqghod Malta, anke sabiex ikun fejn ibnu, ma’ tbiddel xejn minn dan, ghaliex din id-decizjoni jidher li l-attur hadha wara hafna zmien, wara li z-zwieg sfaxxa, wara li huwa stess ammetta li ma’ kienx lest ghaz-zwieg, u wara li l-familja sfaxxat; tant li d-decizjoni inhadhet minnu fl-ahhar ghall-interess tieghu, sabiex ikun vicin tal-ibnu, wara li tant qatgha zmien il-boghod minnu, nkluz meta martu dahlet l-isptar ghal perazzjoni serja.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess jikkontrastaw ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1) Tiddeciedi li z-zwieg civili celebrat bejn il-partijiet fit-18 ta' Marzu 1995 fis-*CityHall,* Mississauga, l-Kanada ma jiswiex u huwa null *stante* li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg – Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------